

11.4.2013

A7-0046/ 001-009

EMENDI 001-009

mill- Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapport

Matthias Grootte

A7-0046/2013

L-għażla taż-żmien tal-irkant tal-kwoti tal-gassijiet serra

Proposta għal deċiżjoni (COM(2012)0416 – C7-0203/2012 – 2012/0202(COD))

Emenda 1

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-Pjan Direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 (2011/2095(INI))¹, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri biex tikkoreġi n-nuqqasijiet tal-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) sabiex din tibda tiffunzjona kif maħsub oriġinarjament, u qabel ma jibda t-tielet perjodu ta' negozjar, temenda, jekk ikun xieraq, ir-Regolament adottat skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex jiġu implementati miżuri adegwati li jistgħu jinkludu s-sospensjoni tal-ammont meħtieġ ta' kwoti.

¹Testi adottati, P7_TA(2012)0086.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Sa tmiem l-2011, kien akkumula eċċess ta' 995 miljun kwota. Dan l-eċċess ta' kwoti mistenni jiżdied jekk ma jitwettqux miżuri strutturali fir-rigward tal-EU ETS.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) Tali ammont sinifikanti ta' eċċess ta' kwoti qed iwassal għal prezz aktar baxx tal-karbonju, meta mqabbel ma' dak maħsub oriġinarjament, li jnaqqas l-inċentivi għal investiment f'teknoloġiji b'livell baxx tal-karbonju u jżid ir-riskju li l-Unjoni ssir dipendenti fuq infrastrutturi b'ammont intensiv tal-karbonju.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Għall-finijiet taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tas-suq, għandu jiġi ċċarat li, sabiex jiġi żgurat funzjonament xieraq tas-suq, il-Kummissjoni tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali tadatta l-iskeda tal-irkant skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) Għall-finijiet taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tas-suq, għandu jiġi ċċarat li, sabiex jiġi żgurat funzjonament xieraq tas-suq, il-Kummissjoni tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali tadatta l-iskeda tal-irkant skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE ***sakemm tali intervent jista' jkun ġustifikat minn valutazzjoni tal-impatt li turi li l-impatt fuq is-setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju jkun limitat. Il-Kummissjoni għandha***

tkun kapaċi taġmel mhux aktar minn adattament wieħed bħal dan li għandu jsir biss matul il-perjodu ta' tmien snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2013.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-adattament tal-iskeda tal-irkant għandu jiġi kkunsidrat bħala azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir, minflok miżura strutturali intiża li tindirizza l-iżbilanċi fis-suq tal-EU ETS u m'għandux idgħajjef l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-EU ETS.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Fid-dawl tal-prezzijiet potenzjalment aktar għolja għaċ-ċertifikati, il-linji gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra wara l-2012 (SWD(2012)0130, SWD(2012)0131 – l-ispejjeż ta' emissjonijiet indiretti) u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10a(14)-(17) tad-Direttiva 2003/87/KE (spejjeż ta' emissjonijiet diretti) għandhom jiġu kkunsidrati għal reviżjoni u għandu jitqies ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn is-setturi.

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li xi industrijiet rċevew trattament ġeneruż ħafna ta' kwoti b'xejn, hemm produttori intensivi tal-enerġija li huma esposti għal kompetizzjoni inġusta għax il-kompetitturi diretti taġħhom jibbenefikaw minn allokkazzjoni ta' kwoti b'xejn (pereżempju s-settur tal-ġibs) jew għax il-livell ta' kumpens taġħhom meta wieħed iqis l-intensità ultra-enerġetika taġħhom (pereżempju s-settur tal-aluminju) huwa baxx wisq. Il-linji gwida dwar ċerti miżuri ta'

għajjnuna mill-Istat, għalhekk, għandhom jirriflettu din is-sitwazzjoni u l-kriterji li jiddeterminaw il-lista tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju għandhom ikunu riveduti sabiex tkun permessa l-inklużjoni ta' setturi b'effiċjenza enerġetika li għandhom marka tal-karbonju relattivament baxxa.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE ***tiżdied is-sentenza*** li ġejja:

Emenda

Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE ***jiżdiedu s-sentenzi*** li ġejjin:

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1– l-aħħar sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ***għandha, fejn xieraq***, tadatta l-iskeda ***għal kull perjodu*** biex tiżgura funzjonament xieraq tas-suq.

Emenda

Il-Kummissjoni ***tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali***, tadatta l-iskeda ***għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 13(1) li jibda fl-1 ta' Jannar 2013*** biex tiżgura funzjonament xieraq tas-suq ***meta l-valutazzjoni tal-impatt turi li l-impatt ta' tali intervent fuq is-setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju jkun limitat. Il-Kummissjoni m'għandhiex tagħmel aktar minn adattament wieħed bħal dan.***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 1a

Id-dħul fis-seħħ

*Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ
fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha
f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*